

Brussell, 11 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9026/23

SOC 293
GENDER 44
ECOFIN 404

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8487/23	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki, il-programmi u l-baġits - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-"Integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki, il-programmi u l-baġits."
2. Il-Konklużjonijiet huma bbażati fuq rapport imħejji mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) intitolat "*Evidence to action: gender equality and gender mainstreaming in the COVID-19 recovery*," (Mill-evidenza għall-azzjoni: ugwaljanza bejn il-ġeneri u integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-irkupru mill-COVID-19) li jinsab fid-dokument 9298/23.
3. Il-Konklużjonijiet ġew eżaminati mill-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-22 ta' Marzu, l-20 ta' April u t-8 ta' Mejju 2023.
4. Intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz tat-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden

- jiehū nota tar-rapport tal-EIGE, kif jinsab fid-dokument 9298/23; u
 - jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet fl-Anness għal din in-nota lill-Kunsill EPSCO għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2023.
-

L-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki, fil-programmi u fil-baġits

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill¹

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI

1. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej, u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea, imnaqqax fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
2. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi li l-Unjoni, fl-attivitajiet kollha tagħha, tfittex li telimina l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel, u li tippromwovi l-ugwaljanza.
3. Il-politiki għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, il-prosperità u l-kompetittività. Il-parteciġazzjoni ugwali, sħiħa u effettiva tan-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha, inkluż fl-impjiegi, huwa prerekwiżit biex tinkiseb u tiġi sostnuta Unjoni prospera. Risponsi politiċi li jħarsu 'l quddiem, bħall-oġettivi ta' Barċellona għall-2030, huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-avvanz tal-awtonomizzazzjoni ekonomika tan-nisa.

¹ Konklużjonijiet imfassla fil-kuntest tar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, b'referenza partikolari għall-Qasam Kritiku ta' Tħassib H (Mekkaniżmi Istituzzjonali għall-Avvanz tan-Nisa).

4. Skont il-Prinċipju 2 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ("Ugwaljanza bejn il-ġeneri"), "Fl-oqsma kollha hemm bżonn li titrawwem u tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament u fl-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż fir-rigward tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, fit-termini u fil-kundizzjonijiet tal-impjiegi u fil-progress fil-karriera. In-nisa u l-irġiel għandhom id-dritt għal paga indaqs għal xogħol ta' valur ugwali."² Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ppreżentat mill-Kummissjoni stabbilixxa l-ambizzjoni li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi titnaqqas tal-inqas b'nofs fl-2023 meta mqabbla ma' dik tal-2019, sabiex jinkiseb l-għan globali li tal-inqas 78 % tal-popolazzjoni tal-età bejn l-20 u l-64 sena jkollhom impjieg sal-2030.
5. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa f'xogħol imħallas u ta' kwalità hija essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività u għalhekk għandhom jittieħdu miżuri biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fir-rigward tal-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari billi tiġi ffaċilitata r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata.
6. Il-Linja Gwida dwar l-Impjiegi 8 tenfasizza l-importanza tal-appoġġ għall-investiment soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-indirizzar tal-inugwaljanzi, inkluż permezz tat-tfassil tas-sistemi ta' taxxa u benefiċċji tal-Istati Membri u l-valutazzjoni tal-impatt distributtiv tal-politiki tagħhom fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Id-deċiżjonijiet tal-gvern b'rabta mat-taxxi u l-infiq għandhom implikazzjonijiet soċjali u ekonomiċi qawwija, peress li jsawru l-għażliet tan-nies fir-rigward tax-xogħol u l-parteċipazzjoni ekonomika, u b'hekk iħallu impatt fuq l-awtonomija finanzjarja tan-nisa u l-irġiel.

² Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017.

7. Il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing adottata mir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fl-1995, tidentifika "Mekkaniżmi Istituzzjonali għall-Avvanz tan-Nisa)" (qasam H) bħala wieħed mit-tnax-il qasam kritiku ta' tħassib u prerekwiżit għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.
8. Skont il-paragrafu 202 tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, il-gvernijiet u atturi oħra għandhom jippromwovu politika attiva u viżibbli għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki u fil-programmi kollha sabiex qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet, issir analiżi tal-effetti fuq in-nisa u fuq l-irġiel, rispettivament.³
9. Huwa ferm importanti li jiġi segwit approċċ duwalistiku għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li jgħaqqad l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, jiġifieri l-integrazzjoni sistematika ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki, il-programmi u l-baġits kollha, flimkien ma' politiki speċifiċi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u miżuri mmirati.

FILWAQT LI JFAKKAR LI

10. Fl-2019, il-Kunsill appella lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex "jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u sistematika u l-kontinwità tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha ta' politika billi jissaħħu l-għodod prattiċi tal-integrazzjoni, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' miri u indikaturi speċifiċi għall-ġeneru, valutazzjoni tal-impatt fuq is-sessi ta' miżuri leġislattivi u ta' politika, u l-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, kif ukoll permezz ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transettorjali u ta' responsabbiltà għall-monitoraġġ tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri."⁴

³ Nazzjonijiet Uniti, *Beijing Declaration and Platform of Action, adopted at the Fourth World Conference on Women*, (Dikjarazzjoni u Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, adottati fir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa), Ottubru 1995.

⁴ Dok. 14938/19.

11. Fl-2021, il-Kunsill appella lill-Kummissjoni Ewropea biex "iżżid l-isforzi biex sistematikament tintegra perspettiva tal-ġeneru fl-istrateġiji u l-politiki futuri tal-UE, inkluż billi tiżviluppa bbaġitjar skont il-ġeneru" u "metodoloġija ta' monitoraġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri" u billi "gradwalment issaħħaħ l-analiżi tal-ġeneru tal-miżuri leġiżlattivi u ta' politika rilevanti tal-UE f'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, bħala għodod ewlenin għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru."⁵
12. Fl-2022, il-Kunsill appella lill-Istati Membri biex jippromwovu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri meta jagħtu appoġġ lil persuni, b'mod partikolari nisa u bniet, li ġew spostati mill-Ukrajna u minn partijiet oħra tad-dinja. Appella wkoll lill-Istati Membri biex jippromwovu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-miżuri adottati biex tiġi indirizzata l-kriżi ekonomika, fis-setturi kollha, u abbażi tad-data eżistenti. Barra minn hekk, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fir-riċerka, fid-deċiżjonijiet u fil-politiki kollha relatati mat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika u fil-politiki kollha relatati mal-faqar enerġetiku.⁶
13. L-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025 tgħid li "l-inklużjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fil-politiki u fil-proċessi kollha tal-UE hija essenzjali biex jintlaħaq l-għan tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri."⁷

⁵ Dok. 12829/21.

⁶ Dok. 15133/22.

⁷ Dok. 6678/20.

14. Il-Kunsill tal-Ewropa jiddefinixxi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri bħala: ir-(ri)organizzazzjoni, it-titjib, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-proċessi ta' politika, sabiex tiġi inkorporata perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha, fil-livelli kollha u fl-istadji kollha, mill-atturi li normalment ikunu involuti fit-tfassil tal-politika⁸.
15. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri teħtieġ impenn politiku ġenerali, fost l-oħrajn, għal valutazzjonijiet tal-impatt *ex-ante* fir-rigward tal-ġeneri u evalwazzjoni tal-politiki, għal mekkaniżmi istituzzjonali b'saħħithom, u għal tisħiħ tal-kapaċitajiet. Statistiċi u indikaturi diżaggregati skont is-sess huma għodod indispensabbli biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika b'rabta mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
16. L-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, fost l-oħrajn billi jiġi istituzzjonalizzat ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, hija essenzjali għall-finanzjament ta' politiki rilevanti biex jitnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri.
17. Fil-kuntest tar-risponsi għall-kriżijiet, l-applikazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-analiżijiet, fil-valutazzjonijiet u fl-ibbaġitjar hija partikolarment importanti biex jiġu indirizzati b'suċċess id-differenzi persistenti bejn il-ġeneri u b'hekk jitħaffef il-progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-miżuri ta' rispons għall-kriżijiet, inkluż dawk li jindirizzaw l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, għandhom il-potenzjal li jnaqqsu b'mod gradwali d-differenzi li ilhom jeżistu bejn il-ġeneri u li jgħinu fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika, kif ukoll li jippromwovu l-awtonomizzazzjoni ekonomika tan-nisa li twassal għal tkabbir inklużiv u għall-kompetittività.

⁸ Kunsill tal-Ewropa. *Gender mainstreaming: conceptual framework, methodology and presentation of good practices* (Integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri: qafas kunċettwali, metodoloġija u preżentazzjoni tal-aħjar prattiki). Strasburg, 1998.

18. Il-premessa 28 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tinnota li n-nisa kienu partikolarment affettwati mill-kriżi tal-COVID-19.⁹
19. L-Artikolu 18, paragrafu 4, punt b tar-Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu "spjegazzjoni dwar kif il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom, identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż (...) indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat, jew sfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew."
20. L-Artikolu 18, il-paragrafu 4, il-punt o tar-Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu spjegazzjoni ta' "kif il-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistennija jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-opportunitajiet indaqs għal kulħadd u l-integrazzjoni ta' dawn l-oġettivi, f'konformità mal-prinċipji 2 u 3 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti 5 u, fejn rilevanti, mal-istrateġija nazzjonali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri."
21. F'Novembru 2022, il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u għall-Irġiel adotta Opinjoni dwar "Gender mainstreaming in budgets at national, regional and local levels"¹⁰ li fiha rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea, u lill-Kunsill.

⁹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75. Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32021R0241>

¹⁰ Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u għall-Irġiel, *Opinion on gender mainstreaming in budgets at national, regional, and local level in the EU* (Opinjoni dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-baġits fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fl-UE). https://commission.europa.eu/publications/opinions-advisory-committee-equal-opportunities-women-and-men_en

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA'

22. Ir-rapport mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) intitolat "*Evidence to action: gender equality and gender mainstreaming in the COVID-19 recovery*"¹¹ li jippreżenta, fost l-oħrajn, analiżi tad-dispożizzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri li jinsabu fir-Regolament RRF u analiżi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP).
23. Is-sejba tal-EIGE li l-Proposta oriġinali għar-Regolament RRF ma kienx fiha perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
24. Is-sejba tal-EIGE li parti żgħira ħafna biss tal-azzjonijiet u r-riformi inklużi mill-Istati Membri fl-RRPs tagħhom tiffoka fuq miżuri reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, minkejja l-fatt li l-mitigazzjoni tal-impatti soċjali u ekonomiċi negattivi tal-pandemija tal-COVID-19 fuq in-nisa, fost gruppi oħra li ntlaw, hija objettiv ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
25. Is-sejba tal-EIGE li involviment aktar mill-qrib ta' esperti fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Istati Membri matul it-tħejjija u l-abbozzar tal-RRPs nazzjonali seta' rriżulta f'miżuri aktar effettivi biex jitrawmu sinerġiji mal-prijoritajiet tal-politiki nazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-pjanijiet u biex jingħata rispons għall-isfidi relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri li nħolqu mill-pandemija tal-COVID-19.
26. Is-sejba tal-EIGE li data diżaggregata skont is-sessi u għodod għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri huma essenzjali biex jiġu pprovduti d-data, l-informazzjoni u l-mezzi meħtieġa biex tiġi integrata perspettiva tal-ġeneru fl-RRPs.¹²

¹¹ Dok. 9298/23.

¹² EIGE, *Evidence to action: gender equality and gender mainstreaming in the COVID-19 recovery*, (Mill-evidenza għall-azzjoni: ugwaljanza bejn il-ġeneri u integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-irkupru mill-COVID-19), p. 36.

27. L-analiżi tal-Kummissjoni Ewropea tal-RRF fir-rigward tal-impatt tagħha fuq l-ugwaljanza, li turi li l-Istati Membri indirizzaw l-isfidi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri b'diversi modi fl-RRPs tagħhom permezz ta' riformi speċifiċi b'effetti potenzjalment dejjiema, permezz ta' investimenti mmirati, u permezz tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza f'diversi oqsma ta' politika, u li fl-RRPs nazzjonali adottati sa Novembru 2022 is-sehem ta' miżuri b'enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kien iwarja minn 8 fil-mija sa 11 fil-mija għat-tliet Stati Membri bl-ogħla percentwal¹³.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI

28. Dan is-sett ta' Konklużjonijiet jibni fuq il-ħidma preċedenti u l-impenji politiċi espressi mill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

¹³ Kummissjoni Ewropea, *Recovery and Resilience Scoreboard Thematic analysis on Equality* (Analiżi Tematika tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza dwar l-Ugwaljanza), Jannar 2023.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI biex,
f'konformità mal-kompetenzi tagħhom u filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u
jirrispettaw ir-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali:**

29. Iżidu l-isforzi biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri permezz ta' mekkaniżmi istituzzjonali fil-livelli kollha, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, billi:
- a) jiżguraw li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tkun implimentata b'mod effettiv fuq bażi ta' gvern sħiħ u fil-politiki kollha tal-gvern, b'mod li jintuża bis-sħiħ l-għarfien espert disponibbli dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
 - b) ikompli jonoraw il-Konklużjonijiet tal-Kunsill preċedenti dwar mekkaniżmi istituzzjonali effettivi, u jistabbilixxu fi ħdan il-ministeri kollha, mekkaniżmi ta' koordinazzjoni li jipprovdu għarfien u ħiliet tekniċi suffiċjenti biex tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika;
 - c) jiżguraw koordinazzjoni interministerjali dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politika tal-gvern, sabiex tissaħħaħ l-implimentazzjoni u jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' Prattiki tajbin u t-tagħlimiet meħuda;
 - d) jadottaw objettivi ta' politika nazzjonali, oqfsa ta' politika jew strateġiji għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni; u
 - e) jimmonitorjaw u jevalwaw l-effettività tal-ħidma fil-qasam tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

30. Jiżguraw l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-miżuri għat-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-RRPs nazzjonali tagħhom kif ukoll fi strumenti ta' finanzjament oħra tal-UE u jiżguraw li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri titqies matul dan il-proċess, inkluż permezz tal-użu ta' għodod disponibbli bħall-akkwist reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru.
31. Jippromwovu u jiżviluppaw il-ġbir, l-analiżi, il-pubblikazzjoni, u l-użu ta' data statistika diżaggregata skont is-sess bħala bażi għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika, mingħajr ma jinholq piż amministrattiv eċċessiv, billi:
- a) jiżguraw li s-sistema nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet governattivi rilevanti jiġbru, janalizzaw, u jippreżentaw data statistika diżaggregata skont is-sess, u jagħmlu din id-data disponibbli għall-pubbliku;
 - b) jiżguraw li jiġu pprovduti riżorsi suffiċjenti għall-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika li jikkoordinaw il-ġbir u l-ipproċessar ta' data statistika, sabiex jirrispondu b'mod adegwat għall-ħtieġa ta' data diżaggregata skont is-sess;
 - c) jagħtu lill-awtoritajiet tal-gvern il-kompitu li jinkludu data statistika relatata ma' individwi jew gruppi ta' individwi, li għandha tiġi diżaggregata skont is-sess u kkombinata, fejn xieraq, ma' karatteristiċi rilevanti oħra fir-rappurtar lill-gvern, fl-oqsma kollha ta' politika;
 - d) jipprovdu aċċess għal appoġġ metodoloġiku, gwida, u taħriġ lill-impjegati taċ-ċivil sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-ġbir ta' data diżaggregata skont is-sess, ikunu jistgħu jaħdmu b'mod effettiv bi statistika diżaggregata skont is-sess u jtejbu l-fehim tagħhom dwar ir-rilevanza ta' tali statistika; u
 - e) jieħdu miżuri konkreti biex jiżguraw li l-ġbir tal-istatistika diżaggregata skont is-sess tkun integrata u ssir rekwiżit fis-settur pubbliku.

32. Jiżguraw finanzjament suffiċjenti u mmirat għal miżuri biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, inkluż miżuri biex jitnaqqsu d-differenzi ekonomiċi, fl-impjiegi, fil-paga, fil-kura u fil-pensjonijiet, u għal miżuri li jgħinu fil-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-ġlieda kontriha, kif ukoll għal miżuri biex jiġu segwiti r-Rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kunsill li jappoġġaw l-aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità tajba.
33. Jippromwovu b'mod sistematiku l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-istadji kollha tat-tfassil ta' politika u l-leġiżlazzjoni inkluż l-ippjanar, it-teħid ta' deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni, u jkomplu jsaħħu l-impenn politiku għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u r-responsabbiltà għaliha.
34. Jikkollaboraw ma' esperti dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet sinifikanti mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-dinja akkademika, sabiex jiġi żgurat li tiġi inkluża perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-istadji kollha tal-ippjanar, l-implimentazzjoni, u l-evalwazzjoni tal-inizjattivi ewlenin kollha.

**JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI biex,
f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u
jirrispettaw ir-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali:**

35. Jimplimentaw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fit-tfassil ta' politika, fil-programmi u fil-baġits kollha, billi
- a) jiġbru, ixerrdu, janalizzaw u jużaw data diżaggregata skont is-sess;
 - b) jifformulaw objettivi ta' politika konkreti u miri speċifiċi biex jingħalqu d-differenzi eżistenti bejn il-ġeneri;
 - c) jagħmlu użu mill-għodod u l-metodoloġiji disponibbli biex isaħħu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-proċessi kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet; u
 - d) jadottaw dokumenti ta' politika ta' gwida biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sistematika fit-tul tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, inkluż fil-proċess baġitarju, f'konformità mal-liġi nazzjonali.
36. Jiżguraw li l-aspetti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tar-riformi finanzjarji, ekonomiċi u tas-suq tax-xogħol jiġu indirizzati b'mod sħiħ fil-qafas tas-Semestru Ewropew, f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, u li s-Semestru jintuża fil-potenzjal sħiħ tiegħu għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni.
37. Jimmonitorjaw u jevalwaw l-effettività tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri li diġà twettqet, inkluż fil-kuntest tal-proċess baġitarju, pereżempju billi jikkummissjonaw evalwazzjonijiet esterni u indipendenti.
38. Jevalwaw u jivvalutaw l-impatt distributtiv għan-nisa u l-irġiel tal-politiki u tal-allokazzjoni tal-finanzjament u riżorsi oħra, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri mmirati effettivi fil-futur.
39. Jiżguraw it-tisħiħ sistematiku tal-kapaċitajiet u l-użu sistematiku ta' għodod metodoloġiċi, u konsultazzjoni sinifikanti ta' esperti dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll jippromwovu l-kooperazzjoni transsettorjali, sabiex tiġi ffaċilitata u msaħħa l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

40. Tiżgura li tiġi integrata b'mod sistematiku perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-inizjattivi ta' politika, kif enfasizzat fl-Istrateġija tagħha dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, u twettaq l-impenn tagħha li toħloq Unjoni ta' Ugwaljanza.
41. Tippromwovi definizzjoni komuni tal-Unjoni tal-kunċett ta' "ibbaġitjar skont il-ġeneru", li huwa definit mill-Kunsill tal-Ewropa bħala valutazzjoni tal-baġits abbażi tal-ġeneru li tinkorpora perspettiva tal-ġeneru fil-livelli kollha tal-proċess baġitarju u r-ristrutturar tad-dħul u l-infiq sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.¹⁴
42. Tiżgura li l-konsiderazzjonijiet tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu integrati fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, sabiex jitnaqqsu d-differenzi persistenti bejn il-ġeneri, inkluż b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' finanzjament biex jiġu avvanzati l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-awtonomizzazzjoni ekonomika tan-nisa f'konformità mal-programmi ta' nfiq tal-QFP u billi tiġi implimentata b'mod sħiħ il-metodoloġija tal-Kummissjoni Ewropea għat-traċċar tan-nefqa fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-baġit tal-UE.
43. Tiżgura li tiġi ppreżentata statistika diżaggregata skont il-ġeneru fir-rapporti kollha tal-Kummissjoni u li tali statistika tintuża b'mod konsistenti fid-dokumenti ta' politika, fost l-oħrajn fl-abbozzar tar-Rapport annwali Konġunt dwar l-Impjiegi, sabiex jinkixfu d-differenzi li fadal bejn il-ġeneri u biex dawn jitnaqqsu gradwalment.
44. Issaħħaħ l-isforzi tal-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-RRF.

¹⁴ Kunsill tal-Ewropa (2005), Rapport finali tal-Grupp ta' Speċjalisti dwar l-Ibbagitar skont il-Ġeneru (EG-S-GB), EG-S-GB (2004) RAP FIN; Diviżjoni tal-Ugwaljanza, Direttorat Ġenerali għad-Drittijiet tal-Bniedem, Kunsill tal-Ewropa, Strasburgu, p. 10. Disponibbli fuq: [Gender budgeting \(coe.int\)](http://coe.int/Genderbudgeting)

45. Tiżgura l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-abbozzar ta' pakketti futuri potenzjali ta' rispons għal kriżijiet u inizjattivi oħra, billi:
- a) tintegra perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'atti leġiżlattivi futuri relatati ma' pakketti ta' rispons għal kriżijiet;
 - b) twettaq integrazzjoni sistematika tal-perspettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntest tar-rispons għall-kriżijiet u fil-ġestjoni tal-kriżijiet;
 - c) tinkludi analiżi pertinenti ta' kif l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri ġiet implimentata f'rapporti ta' nofs it-terminu u f'rapporti ta' rieżami fil-kuntest tar-rispons għal kriżijiet; u
 - d) tippromwovi l-ġħodod disponibbli li jappoġġaw l-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntest tar-rispons għall-kriżijiet fil-livell nazzjonali.
46. Tiżgura d-disponibbiltà tal-istrutturi u l-kapaċità meħtieġa għall-gwida, il-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni effettivi tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru, fil-proċessi tal-Kummissjoni inkluż fir-rigward tal-baġit, il-fondi u l-programmi ta' nfiq rispettivi tal-UE fi ħdan il-QFP.
-

Referenzi

1. UE interistituzzjonali

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li ġie pproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017.

https://commission.europa.eu/publications/european-pillar-social-rights-booklet_mt

2. Leġiżlazzjoni tal-UE

Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75).

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32021R0241>

3. Il-Kunsill

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill kollha adottati dwar ir-rieżami tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, u konklużjonijiet tal-Kunsill oħra dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u suġġetti rilevanti oħra, inkluż b'mod partikolari daww imsemmija hawn taħt:

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-"Effettività ta' Mekkaniżmi Istituzzjonali għall-Avvanz tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi" (17605/13)

https://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/lsa/139978.pdf

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qasam tat-teħid ta' deċiżjonijiet (14327/15)

[pdf \(europa.eu\)](https://www.europa.eu)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem: Nieħdu Kont ta' 25 Sena ta' Implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (14938/19)

<https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14938-2019-INIT/mt/pdf>

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi: Valutazzjoni u Distribuzzjoni tax-Xogħol Imħallas u x-Xogħol ta' Kura Mingħajr Ħlas (13584/20)

[pdf \(europa.eu\)](#)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Impatt Soċjoekonomiku tal-COVID-19 fuq l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri (8884/21)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 10/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar L-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri fil-Baġit tal-UE (12829/21)

<https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-12829-2021-INIT/mt/pdf>

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri f'ekonomiji mfixkla: fokus fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa (15133/22)

[pdf \(europa.eu\)](#)

- Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2296 tal-21 ta' Novembru 2022 dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri. (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 67–77)

[EUR-Lex - 32022D2296 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\).](#)

4. It-Triju ta' Presidenzi

Dikjarazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ffirmata minn Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Iżvezja (Jannar 2022)

https://www.vlada.cz/assets/ppov/rovne-prilezitosti-zen-a-muzu/dokumenty/trio-presidency-declaration-on-gender-equality-france-the-czech-republic-and-sweden-2022-2023_1.pdf

5. Il-Kummissjoni Ewropea

Rapport tal-2023 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea (SWD (2023)55final)

[Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri \(europa.eu\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0152)

Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025. 6678/20. (Referenza tal-Kummissjoni: COM(2020) 152 final.)

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0152>

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (6649/21 + ADD 1 + ADD 2)

[pdf \(europa.eu\)](#)

Recovery and Resilience Scoreboard Thematic analysis on Equality (Analiżi Tematika tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza dwar l-Ugwaljanza), Jannar 2023.

Opinion on gender mainstreaming in budgets at national, regional, and local level in the EU, (Opinjoni dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-baġits fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fl-UE), mill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u għall-Irġiel https://commission.europa.eu/publications/opinions-advisory-committee-equal-opportunities-women-and-men_en

6. Il-Parlament Ewropew

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (2021/2251(INI))

7. L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

Evidence to action: gender equality and gender mainstreaming in the COVID-19 recovery (Mill-evidenza għall-azzjoni: ugwaljanza bejn il-ġeneri u integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-irkupru mill-COVID-19)(9298/23)

Gender budgeting. *Mainstreaming gender into the EU budget and macroeconomic policy framework* (L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE u fil-qafas tal-politika makroekonomika), 2018.

<https://eige.europa.eu/gender-mainstreaming/methods-tools/gender-budgeting>)

Gender Impact Assessment: Gender Mainstreaming Toolkit (Valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri: Sett ta' Għodod għall-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri), 2016.

<https://eige.europa.eu/publications/gender-impact-assessment-gender-mainstreaming-toolkit>

8. Kunsill tal-Ewropa

Final report of the Group of Specialists on Gender Budgeting (Rapport finali tal-Grupp ta' Speċjalisti dwar l-Ibbaġitjar Sensittiv għal Kwistjonijiet ta' Ġeneru) (EG-S-GB), EG-S-GB (2004) RAP FIN; Diviżjoni tal-Ugwaljanza, Direttorat Ġenerali għad-Drittijiet tal-Bniedem, Kunsill tal-Ewropa, Strasburg, p. 10.

[Gender budgeting \(coe.int\)](https://rm.coe.int/gender-budgeting)

Gender Budgeting - Practical Implementation - Handbook (Ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru - Implimentazzjoni Prattika - Manwal) CDEG(2008)15 (2009).

<https://rm.coe.int/1680599885>

Gender mainstreaming: conceptual framework, methodology and presentation of good practices (Integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri: qafas kunċettwali, metodoloġija u preżentazzjoni tal-aħjar prattiki). Strasburg, 1998.

9. Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD)

Development Assistance Committee gender equality policy marker (Indikatur ta' politika għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-Kumitat ta' Assistenza għall-Iżvilupp)

[DAC gender equality policy marker - OECD](#)

Draft for discussion - OECD Best Practices for Gender Budgeting (Abbozz għad-diskussjoni - l-Aħjar Prattiki tal-OECD għal Ibbaġittjar Sensittiv għal Kwistjonijiet ta' Ġeneru) (2022)

[OECD Best Practices for Gender Budgeting](#)

Gender budgeting in OECD countries (Ibbaġittjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-pajjiżi tal-OECD) (2017)

<https://www.oecd.org/gender/Gender-Budgeting-in-OECD-countries.pdf>

Towards gender-inclusive recovery (Lejn irkupru inklużiv fir-rigward tal-ġeneri) (2021)

<https://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/towards-gender-inclusive-recovery-ab597807/>

10. In-Nazzjonijiet Uniti

Id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (aġenda tan-NU għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa)

<https://www.refworld.org/docid/3dde04324.html>

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW)

[Convention on the Elimination of All Forms of Discrimination against Women \(un.org\)](#)